MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Appell Civili Numru. 681/1992/1

**Francis Paul Ebejer ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta Fogg Limited u din in rappresentanza tad-ditta estera ALS Motor Policies at Lloyd's u dawn kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghhom Alfred Abela**

**vs.**

**Emanuel Farrugia**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta’ citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attur nomine, wara illi ppremetta illi fl-24 ta’ Settembru 1991, f’Hal Qormi, waqt li l-karozza numru G-8113 kienet qed tigi misjuqa minn George Abela, din sfat involuta f’kollizjoni mal-karozza numru G-8355 misjuqa mill-konvenut; illi minhabba l-incident l-attur baghta danni billi kellu jaghmel tajjeb ghal hsara li baghta l-assikurat tieghu Alfred Abela fuq karozza numru G-8113 u dana minhabba polza ta’ assigurazzjoni tat-tip *comprehensive*; illi l-attur gie surrogat ghad-drittijiet ta’ l-assikurat imsemmi; illi l-konvenut, interpellat jasal ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni, naqas li jaghmel hekk; talab ghaliex dik il-Qorti m’ghandhiex: 1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni li, b’rizultat tal-istess sofra l-attur; 2. tillikwida d-danni occorrendo bl-opera ta’ periti nominandi; 3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk dikjarat bhala dovut in linea ta’ danni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur nomine u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa:
1. Illi l-ewwel talba ghandha tigi michuda ghax ghall-incident stradali in kwistjoni ma kienx jahti hu;

2. Illi jsegwi li t-tieni talba ghandha tigi wkoll michuda billi m’hemm ebda danni tal-attur nomine x’jigu likwidati fil-konfront tal-eccipjent;

3. Jitnissel minn dan li, riferibilment ghat-tielet talba, m’hemm ebda somma li l-eccipjent ghandu jigi kundannat ihallas lill-attur nomine;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u b’rizerva ghar-rizarciment tad-danni da parti tal-eccipjent;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-erbatax (14) ta' Lulju, 2000 illi permezz taghha l-Qorti ddecidiet hekk:
"… tichad l-eccezzjonijiet tal-kovenut, tilqa' t-talbiet attrici, u

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali;

2. tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm3082;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine din is-somma ta' Lm3082 bl-imghax millum, bl-ispejjez kontra l-konvenut",

u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"Is-socjetà assikuratrici attrici qieghda permezz ta' l-istanti titlob li tithallas minghand il-konvenut dik is-somma, in linea ta' danni, li giet minnha zburzjata meta hallset lill-assikurat taghha Alfred Abela ghad-danni minnu subiti fil-vettura tieghu wara incident awtomobilistiku li sehh fl-24 ta' Settembru 1991 f'Hal-Qormi;

"Mill-provi migbura mill-perit legali jirrizulta li l-incident gara f'Manwel Dimech Street, Hal-Qormi, fil-karreggata li minn hdejn ir-*roundabout* biswit il-fabbriba tal-Loewenbrau tiehdok ghar-*roundabout* li taghti ghal Hal-Luqa jew ghal Haz-Zebbug. Il-vettura numru G-8113 li kienet assikurata mas-socjetà attrici kienet qed tinsaq minn George Abela filwaqt li l-vettura G-8355 kienet qed tinsaq mill-konvenut. Hemm qbil dwar il-fatt li l-vettura misjuqa minn George Abela qalghet id-daqqa fuq wara mill-vettura misjuqa mill-konvenut u bid-daqqa l-ewwel vettura spiccat fuq il-bankina fuq in-naha opposta tat-triq. Il-konvenut kellu jigi rikoverat l-isptar. Dwar kif sehh l-incident il-verzjonijiet taz-zewg sewwieqa huma konfliggenti.

"George Abela xehed li huwa kien qieghed isuq f'Manwel Dimech Street min-naha tal-Marsa u ried imur lejn l-iskola billi jdur fuq il-lemin biex jidhol wara l-knisja. Kien qed isuq man-naha tal-bankina u kiser minn naha ghall-ohra tat-triq mhux f'daqqa izda hadha fit-tul, tul il-fabbrika tan-

Nylon Knitting. Qab[e]l ma qaleb xeghel l-*indicator* u hares mis-*side mirror*. Kieku ra vetturi ohra gejjin ma kienx johrog u jaqleb. Waqaf fejn sab il-linja interrotta li taqsam it-triq u waqaf peress li kienu gejjin vetturi mid-direzzjoni opposta. Biex idur fuq il-lemin xeghel l-*indicator*. Wara li ghaddew xi tliet vetturi sema *brake* fuq wara, hares fir-*rear view mirror* u ra vettura gejja fuqu xi ghoxrin pied boghod. Hu baqa' fejn kien ghax ma setax jaghmel mod iehor minhabba vetturi gejjin mill-faccata u qala' d-daqqa. Il-vettura tieghu telghet minn quddiem fuq il-bankina fuq in-naha l-ohra tat-triq.

"Il-konvenut xehed li kien qed isuq f'Manwel Dimech Street u kien se jibqa' sejjer fid-dritt. Huwa zamm lejn in-nofs tat-triq minhabba l-kundizzjoni hazina tat-triq. Induna b'vettura li kien hemm mal-bankina. Hu kellu velocità ta' bejn 35 u 40 m.f.s. Kemm hu kif ukoll il-vettura l-ohra kellhom dwal. Mid-direzzjoni opposta kienu gejjin vetturi. Kif kien xi ghaxar metri qrib il-vettura li kienet quddiemu, din kisret ghal quddiemu, cioè angola ruhu fuq il-lemin u waqaf *dead stop*. Kienet gejja vettura mill-faccata u hu kkalkula li x-xufier tal-vettura ta' quddiemu haseb li se jibqa' ghaddej minn quddiem il-vettura l-ohra li kienet niezla. Izda minflok il-vettura ta' quddiemu waqfet u hu baqa' diehel fiha. Rigward il-*brake marks* li halla qal li hu ma jistax jikkalkula ghax ma kienx prezenti billi kien mar l-isptar. In kontro-ezami, mistoqsi kif jispjega t-tul tal-*brake marks*, qal li ma jiftakarx dak il-*brake* fit-tul. Sostna wkoll li beda jibbrejkja meta ra l-vettura l-ohra taqsam quddiemu u dan meta kien hemm distanza ta' xi ghaxar metri.

"Gie prodott ukoll bhala xhud P.S. 509 John Lentini li kien acceda fuq il-post ta' l-incident u hejja l-iskizz relattiv. Dan ikkonferma li l-iskizz sar *to scale* u li sab 26.8 metri marki tal-vettura tal-konvenut sal-i*spot of impact*.

"Il-perit legali korrettement osserva li d-daqqa ma kienitx wahda zghira. Dan jirrizulta abbondantement mid-deskrizzjoni li ta' s-*surveyor* William Cassar Torreggiani dwar il-hsara fil-vettura assikurata mas-socjetà attrici u mill-konkluzjoni tieghu li ma kienitx fi stat li tissewwa

peress li kienet mibruma u mqammra. Inoltre l-vjolenza tad-daqqa tirrizulta wkoll mill-feriti mgarba mill-konvenut, u cioè, kif xehed hu stess, b'zewg kustilji miksurin u ohrajn imxaqqin.

"Daqqa ta' dik il-kwalità hija indikattiva ta' certa velocità u certa distanza biex ittella' dik il-velocità. Dan hu korroborat mit-tul ta' *brake marks* li halliet il-karozza tal-konvenut li, skond P.S. 509 John Lentini, kienu ta' 26.8 metri. Issa biex wiehed jigi *dead stop* ghandu bzonn mhux biss il-*braking distance* izda anke t-*thinking distance*. Harsa lejn it-tabella fl-ahhar faccata tal-ktejjeb *The Highway Code* jurina li *braking distance* ta' 24 metru jinhtieg normalment *thinking distance* ta' 12-il metru u jfisser ukoll velocità ta' 60 kilometru fis-siegha (madwar 38 m.f.s.). Issa fil-kaz odjern, mhux talli l-konvenut ma rnexxilux jieqaf zopptu f'distanza ta' 26.8 metri, talli ta daqqa enormi lill-vettura li kien hemm quddiemu u tefaghha n-naha l-ohra tat-triq. Jigifieri l-i*speed* tal-konvenut kien ferm izjed minn dak li hu sostna.

"Dwar l-allegazzjoni tal-konvenut li meta bdiet taqsam minn quddiemu l-vettura l-ohra kien hemm ghaxar metri u li filwaqt li dik il-vettura mxiet 'il quddiem hu beda jibbrejkja inizjalment meta rah jikser, il-perit legali jistaqsi kif jista' jkun illi f'ghaxar metri thalli *brake mark* ta' 26.8 metri. Fil-fatt gustament osserva li ghal din id-domanda l-konvenut ma setax jirrispondi. Ma tibbrejkjax bilmod u thalli dak il-hruq ta' *tyre* fl-art fuq it-tarmak. Inoltre, tosserva l-Qorti, kieku vera l-vettura qabdet u qasmet minn quddiemu f'dik id-distanza ravvicinata ta' ghaxar metri, il-probabilità kienet tkun li l-konvenut lanqas biss kien ikollu cans japplika l-*brakes* qabel ma jsib ruhu gol-vettura l-ohra minhabba t-*thinking distance*. Il-verità hi li l-velocità ecessiva li kien ghaddej biha l-konvenut ma ppermettitlux jikkontrolla l-vettura tieghu.

"Il-perit legali kkonsidra wkoll il-manuvrar ta' George Abela biex jistabilixxi jekk setax kien hemm xi kontributorjetà da parti tieghu. Skond kif xehed l-istess George Abela, huwa veru li kien miexi man-naha ta' gewwa tat-triq, izda biex mar lejn in-nofs ra li ma kinux

gejjin karozzi, xeghel l-*indicator* u gibed lejn in-nofs. Meta mbaghad gie fil-punt biex jikser lejn il-lemin, waqaf u rega' xeghel l-*indicator*. Il-perit legali ghamel dawn il-konsiderazzjonijiet:

'Meta ghamel il-manuvra Abela ha l-prekawzjonijiet kollha necessarji u rikjesti? Abela stqarr li fiz-zewg okkazjonijiet huwa taha ndikazzjoni bid-direzzjoni li kien se jiehu u dan wara li esplora li ma kien qieghed jostakola lil hadd, *ossia* il-*flow of traffic*.

"Veru l-konvenut ma stqarrx li ra xi indikazzjoni, però *del resto* lanqas innega l-fatt illi Abela xeghel l-*indicator* fiz-zewg okkazjonijiet.

"Ghamel xi manuvra subitanea li rrendiet lill-konvenut inkapaci illi jadegwixxi ruhu ghal din l-emergenza, jekk tista' tissejjah emergenza? Abela xehed illi meta waqaf bl-*indicator* u gie biex idur ghaddew minn mieghu, fid-direzzjoni opposta, liema karregjata ried jaqsam, tlett vetturi. Oltre dan rah gej mill-mera ta' wara. Kif già inghad, iz-zewg karregjati, f'dak iz-zmien kienu jippermettu li zewg vetturi jghaddu minn fejn xulxin, isir sorpass minghajr ma jiddisturba l-*flow* tat-traffiku.

"Anki jirrizulta mill-iskizz stess, il-konvenut, kieku gibed lejn ix-xellug tal-vettura ta' Abela ma kenitx tissucciedi l-kollizjoni. Spazju kellu, però lanqas dan ma irnexxielu jaghmel. L-izball uniku tal-konvenut kien illi meta rah qed jaqsam it-triq huwa haseb li Abela kien ikkalkola li jghaddi quddiemu u jaqsam ghat-triq l-ohra minghajr ma dana ittelliflu l-mod tas-sewqan tieghu. Dana ammettieh huwa stess. Il-kalkolu kien erroneu stante li kien dipendenti fuq terz.

"Hawn hu n-nuqqas lampanti tal-konvenut fis-sens li xufier ghandu janticipa x'jista' jigri quddiemu, dana billi jzomm a *proper look out* quddiemu aktar u aktar meta l-vizwali kienu ottimili [*sic*] u jippermettu. Ma kellux jahseb illi Abela kien se jirnexxilu jaghmel din il-manuvra. Allura f'dan is-sens ukoll missu gibed iktar lejn ix-xellug. Hu *ex admissis* qal li kien qed isuq fuq barra tal-karreggjata

peress li t-triq kienet hafna ahjar, aktar gewwa lejn il-bankina kien hemm il-*humps* illi sfortunatament wiehed isib fit-toroq kwazi kollha ta' dan pajjizna. Però wkoll f'dan is-sens wiehed ma jistax jghid illi kienu dawn il-*humps* illi ikkagunaw din il-kollizjoni.

"Meta l-konvenut ra li kien kkalkola hazin, ikkreja emergenza subitanea fuqu nnifsu billi ghalkemm ra l-vettura l-ohra wieqfa quddiemu, ma kienx f'pozizzjoni li jikkontrolla l-vettura tieghu u, mahsud kif kien, spicca habat mal-vettura l-ohra.

"Il-konvenut fl-ebda mument ma allega li ried jissorpassa l-vettura misjuqa minn Abela u li din b'xi mod imblukkatlu t-triq. Abela ma harigx minn *side road* fl-ahhar mumenti u sab lill-konvenut ma' wiccu. Kienu fl-istess triq u raw lil xulxin b'Abela fuq quddiem u l-konvenut fuq wara. U m'hemm l-ebda dubju li l-konvenut ra l-vettura quddiemu zgur minn aktar minn ghaxar metri boghod, izda ma kienx kapaci jevitaha.

"Ghalhekk il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-perit legali li kien il-konvenut unikament responsabbli ghall-incident in ezami, u ghandu jwiegeb ghad-danni konsegwenzjali.

"Jirrizulta li l-karozza assikurata mas-socjetà attrici ma kienitx fi stat li tissewwa. Anthony Savona, in rapprezentanza tas-socjetà attrici, xehed li hallsu lill-assikurat taghhom is-somma totali ta' Lm3223, kif ukoll Lm20 ghat-*towing* u Lm9 bhala *survey fees*. Bhala *wreck value* rrikavaw Lm170. Ghalhekk is-somma reklamata mis-socjetà attrici hi ta' Lm3082.

"Dwar din is-somma ma saret l-ebda kontestazzjoni da parti tal-konvenut u ghalhekk il-Qorti qed tillikwida d-danni mitluba fis-somma ta' Lm3082."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi tigi mhassra, revokata u kancellata s-sentenza appellata billi tintlaqa' l-eccezzjoni tal-konvenut appellant u billi jigu respinti t-

talbiet ta’ l-attur appellat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat;

Rat ir-risposta ta’ l-appell tas-socjetà attrici illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettiet illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tar-rikors ta’ appell jirrizulta illi l-konvenut ghandu aggravju wiehed biss kontra s-sentenza appellata, dak illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti qudiemha;

Ikkunsidrat:

Illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna illi Qorti tat-tieni grad, hlief ghal ragunijiet serji, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi illi taghmel Qorti ta’ l-ewwel grad;

Dina l-Qorti, wara illi ezaminat il-provi prodotti u l-mod kid dawn il-provi gew valutati u apprezzati mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, taqbel pjenament mal-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti illi ghall-kollizjoni in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut. Fil-fatt, minn qari tas-sentenza appellata johrog car illi l-ewwel Qorti ma tatx kredibilità lill-konvenut ghal dak illi jirrigwarda c-cirkostanzi illi wasslu ghall-istess kollizjoni. L-ewwel Qorti kienet ghal kollox gustifikata illi taghmel hekk ghaliex, kif jista’ jitwemmen il-konvenut meta huwa xehed quddiem il-perit legali, l-Avukat Dottor Joseph Bonnici, illi (fol. 71 *tergo*): “Kif wasalt <u>tul ta’ xi 10 metri qribu</u> [qrib is-sewwieq tal-karozza assikurata mis-socjetà attrici], kiser ghal quddiemi, cioè angola ruhu ghal fuqi, waqaf *dead stop*” (sottolinear ta’ dina l-Qorti), meta mill-iskizz esibit (fol. 76), abbinat mad-depozizzjoni ta’ P.S. 509 John Lentini (fol.

69), jirrizulta illi l-karozza misjuqa mill-konvenut halliet warajha *brake marks* ta’ cirka 27 metru?

Ikkunsidrat:

Illi, ghall-kompletezza, tajjeb illi jinghad illi dina l-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni maghmula mill-konvenut fil-paragrafu enumerat hamsa (5) tar-rikors ta’ appell tieghu, illi “… kellu jirrizulta mill-assjem tal-provi illi hemm certa kontributarjetà da parti ta’ dan George Abela [is-sewwieq tal-karozza assigurata mas-socjetà attrici]”. Il-provi prodotti juri b’mod l-aktar car illi s-sewqan ta’ l-imsemmi George Abela ma kkontribwixxa xejn sabiex sehhet il-kollizjoni in ezami;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjez kollha ta’ din l-istanza jigu sopportati mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------